**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 20 ta' April 2023**

**<u>Rikors nru : 176/2023 AGV</u>**

**K P**

**vs**

**JP**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-Rikors ta' KP datat 29 ta' Marzu 2023 ;**

**Jesponi bir-rispett ILLI:**

Il-partijiet iżżewġu nhar l-erbgħa ta' Frar tas-sena elfejn [4.02.2000], kif jirrizulta mic-Ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat Dok 'A', u minn dan iż-żwieġ huma kellhom tifel, ossia YP , li twieled fit-tnejn u għoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u ħamsa [22.01.2005] u li llum huwa maġġorenni.

Il-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt ippublikat minn Nutar Dr. Andre Farrugia fil-wieħed u għoxrin [21] t' April tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin [2021], li kopja tiegħu jinsab hawn anness u mmarkat Dok 'B';

Ma hemm ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom għal dawn l-aħħar kważi sentejn legalment mifrudin minn xulxin, huma isseparaw de facto f'Awwissu 2013, u għalhekk kważi għaxar (10)snin ilu. Oltre minn hekk, illum huma għandhom ħajja totalment separata minn xulxin u ma hemmx tama ta' rikonċiljazzjoni;

Anqas ma hemm pendenzi ta' manteniment, u l-att ta' separazzjoni qiegħed jiġi osservat fl-intier tiegħu;

Dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joġgħobha:-**

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ eżistenti bejn il-partijiet *ai termini* tal-artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

**Il-Qorti rat li l-konvenuta ma ghandhiex oggezzjoni ghat-talba tad-divorzju**

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar l- 4 ta' Frar 2000.**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**